

“L-uffiċjali ta' kollegament tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (SAIs) tat-28 Stat Membru tal-UE u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) iltaqgħu fi Stokkolma, l-Iżvezja, fis-16-17 ta' Mejju 2017”.

“L-iskop prinċipali tal-laqgħa tal-Uffiċjali ta' Kollegament li ssir fir-rebbiegħa huwa t-tnejjija tal-laqgħa tal-Kumitat ta' Kuntatt. Fl-2017, il-laqgħa tal-Kumitat ta' Kuntatt saret fil-Lussemburgu fit-12-13 ta' Ottubru taħt il-Presidenza tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Fil-laqgħa tagħhom fi Stokkolma fis-16-17 ta' Mejju 2017, l-Uffiċjali ta' Kollegament eżaminaw l-iżviluppi u l-attivitajiet l-aktar reċenti li kellhom jiġu diskussi mill-Kumitat ta' Kuntatt. Barra minn hekk, l-Uffiċjali ta' Kollegament iddiskutew miżuri għat-titjib tal-governanza u l-komunikazzjoni tal-Kumitat ta' Kuntatt.

L-Uffiċjali ta' Kollegament tan-Netwerk tas-SAIs ta' Pajjiżi Kandidati u Pajjiżi Kandidati Potenzjali tal-UE ltaqgħu fil-15 ta' Mejju 2017. Huma ddiskutew ir-reviżjoni u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma tan-Netwerk, kif ukoll kwistjonijiet relatati mal-governanza.”